IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 55**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 53**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G53 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 53*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 53** *Punti li joħorġu mill-Minuti G 53*

2.01 Ma hemm l-ebda punt li joħroġ mill-minuti G53.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

** Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fis-7:25 ta' filgħaxija

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 54**

3.01 Il-minuti tas-seduta numru G54 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 54

**4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 54** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 54

4.01 3.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi informa l-laqgħa li fl-ewwel laqgħa li saret tas-sotto kumitat tal-isports huwa kien ippropona sajda għat-tfal. — Rappreżentanza tal-Kunsill fis-sotto kumitat tal-isport tar-Reġjun tat-Tramuntana

4.02 11.01 Il-Kunsillier Nazju Cassar informa l-laqgħa li t-trinka kienet ingħalqet . — Trinka miftuħa Triq Misraħ Suffara k/m Triq Għar Barka

4.03 11.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li tali siġar huma f'żona privata u għaldaqstant dawn ma jistgħux jinżabru minn fondi tal-Kunsill. — Żbir ta' siġar fit-Telgħa tas-Saqqajja

4.04 11.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ċ-ċirkolari kienet ser tintbagħat fil-jiem li ġejjin. — Ċirkolari dwar il-granet u l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart domestiku

4.05 11.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra ta' ringrazzjament kienet intbagħtet. — Għotja ta' kotba 'The Rabat Ajax Football Club Story'

**5.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

5.01 Is-Sindku ppropona li jitneħħew is-siġar mejtin li hemm f'Misraħ Anton Agius u minflokom jitħawwlu siġar b'anqas manutenzjoni. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. — Siġar f'Misraħ Anton Agius

5.02 Is-Sindku ppropona li jiġu miżrugħa pjanti tal-pittosporum ġewwa Triq Santa Rita. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jinżergħu wara l-Festa ta' San Pawl. — Tizrieħ ta' pjanti fi Triq Santa Rita

5.03 Is-Sindku informa l-laqgħa li r-residenti tal-Baħrija kienu ser jagħmlu protesta nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2016, dwar id-dewmien li qed jieħu l-proġett tal-fossa — Protesta mir-residenti tal-

tal-Baħrija. Baħrija

Huwa qal li l-protesta li ser issir hija waħda ġustifikata biex ir-residenti jsemmgħu leħinhom u li jista' jifhem il-frustrazzjoni kbira tar-residenti tal-Baħrija u dawk kollha li jgħixu fil-parti rurali tar-Rabat. Huwa kompla billi qal li hu f'isem il-Kunsill Lokali Rabti kien ser ikompli jagħmel pressjoni biex ix-xogħol jitlesta fl-iqsar żmien possibbli.

**6.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

6.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 258 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 258

**7.00 Ir-Rapport tal-Awditur għas-sena 2015 u t-tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-awditur għas-sena 2015. Hija qalet li minkejja li l-amministrazzjoni tal-Kunsill ma qablitx mal-punti kollha tal-*Management Letter* tinnota b'sodisfazzjon it-titjib konsiderevoli li reġa' kien hemm għal dik is-sena, dwar l-operat amministrattiv tal-Kunsill. Kopja tar-Rapport tal-Awditur tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Ir-Rapport tal-Awditur għas-sena 2015 u t-Tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw fuq il-mejda tal-Kunsill it-tweġiba tal-Kunsill għar-rapport tal-awditur. Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li it-tweġiba tiġi approvata hekk kif ippreżentata. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tat-tweġiba tal-Kunsill tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**8.00 Jum Ir-Rabat u Ġieħ Ir-Rabat**

8.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li bħal kull sena Jum ir-Rabat ser jiġi ċċelebrat fit-2 ta' Settembru. Ġie deċiż li Jum ir-Rabat jiġi ċċelebrat f'Misraħ Santu Wistin fis-7.30 ta' filgħaxija u wara jsir riċeviment għall-mistednin preżenti. Jum Ir-Rabat u Ġieħ Ir-Rabat

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti dwar l-unur u r-rikonoxximenti mgħotija f'Jum ir-Rabat.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li Ġieħ Ir-Rabat għandu jingħata lis-Sur Joseph Scerri għall-ħidma tiegħu fil-qasam tal-arti u l-iskultura f'pajjiżna kif ukoll barra minn Malta. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Miguel Bonello li minn età bikrija wera l-kapaċità u l-kompetenza vokali fil-qasam klassiku. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Raymond Tanti bħala l-ewwel ambaxxattur taż-żgħażagħ fil-Kunsill Lokali tar-Rabat u għall-impenn kostanti tiegħu. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Peress li l-Viċi Sindku Doris Coleiro kienet skużata għal din il-laqgħa s-Sindku qara in-nomini mibgħuta mis-Sra Coleiro. Hija kienet qiegħda tinnomina lis-Sur Reno Bugeja u lis-Sur Louis Azzopardi.

Is-Sindku ppropona li n-nomini tas-Sna Coleiro jiġi milqugħa u għaldaqstant ippropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Reno Bugeja għall-ħidma tiegħu fil-qasam ġurnalistiku u dak tax-xandir. Rebaħ ukoll il-premju fil-ġurnaliżmu 2016. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo.

Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Louis Azzopardi għall-ħidma tiegħu fi ħdan il-Kumitat tal-futbol rabti 'Rabat Ajax' u awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet relatati mal-istorja tar-'Rabat Ajax'. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Joseph Borg għall-ħidma tiegħu fost it-tfal u iz-zgħazagħ li jattendu l-i*Scouts*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ġie diskuss ukoll il-programm tal-attività u l-Kunsill fuq proposta tas-Sindku Charles Azzopardi, issekondata mill-Kunsillier Rudolf Grima qabel li s-serata għandha tiġi preżentata mis-Sur Peter Paul Ciantar. Fuq proposta tal-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, issekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo il-Kunsill wera x-xewqa li f'din is-serata jieħdu sehem l-alljevi taż-żewġ soċjetajiet tal-baned.

## 9.00 Tiġdid tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq il-Kulleġġ– RLC/T/147/15

9.01 Is-Sindku ressaq l-offerti RLC/T/147/15 għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

*Tiġdid tal-offerta għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ – RLC/T/147/15*

## 10.00 Korrispondenza

10.01 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/0465/16 dwar ix-xogħlijiet li ser isiru fuq il-Proġett tal-Nigret mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, is-Sindku ppropona li jsir coordination meeting mal-korporazzjoni u jkun hemm prezenti ukoll l-perit tal-Kunsill. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

*Proġett tan-Nigret*

10.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0514/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura minn diversi residenti Rabtin li jiffrekwentaw ic-Ċentru Ċiviku, fejn dawn qegħdin jitolbu l-intervent tal-Kunsill sabiex tiġi solvuta l-problema l-*lift* tac-Ċentru Ċiviku mal-awtoritajiet kompetenti.

*Petizzjoni – Lift Ċentru Ċiviku*

Is-Sindku ppropona li tali petizzjoni tintbagħat f'isem dawn ir-residenti lid-Dipartiment tal-Artijiet. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fid-9.10 ta' filgħaxija.

10.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0521/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ilment dwar ġebel li qed jaqa' għal fuq il-karozzi minn fuq l-imsejħa blata ta' Vincenzo Ciappara. Il-blata ta' Vincenzo Ciappara

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li fuq in-naħa tad-djar din għandha tiġi miksija bic-*chicken wire*. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza dwar il-*Membership Fee – Leadership Programme (2014-2020)* mibgħuta mill-*Majjistral Action Group Foundation.* *Membership Fee – Leadership Programme (2014-2020)*

Fuq proposta tal-Kunsilier Rudolf Grima, issekondata mill-Kunsillier Stephen Borg, il-Kunsill qabel unanimament li din il-miżata ma tiġix imħallsa qabel ma l-Kunsill jingħata direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali hekk kif mitlub mill-Awditur Ġenerali.

**11.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru B20, B21 u B22**

11.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B20, B21 u B22 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA tal-Virtù – Seduti numru B20, B21 u B22

**12.00 Materji Oħra**

12.01 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera dwar iż-żjara li ser jagħmel is-Sindku ta' Solarino lill-Kunsill Lokali tar-Rabat nhar il-Ġimgħa 1 ta' Lulju 2016. Żjara Sindku Solarino

12.02 Is-Sindku infoma l-laqgħa li l-*playingfield* tal-Baħrija kien ġie ivvandalizzat minn xi persuni mhux magħrufa. Vandaliżmu fuq il-bandli tal-Baħrija

12.03 Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li ssir talba lil 'Transport Malta' sabiex issir *loading/unloading bay* ġo Triq il-Kbira quddiem il-ħanut *Fiorita*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament. Talba għal *loading/unloading bay* ġo Triq il-Kbira

12.04 Il-Kunsillier Stephen Borg qal li hemm bozza ġo Triq San Tumas ma' blokk ta' appartamenti li għadha ma ġietx imqabbda mal-linja tal-Korporazzjoni Enemalta. Bozza fi Triq San Tumas

**13.00 Data tas-seduta li jmiss**

13.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

13.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 19 ta' Lulju 2016

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**